**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Charles Spiteri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Charles Spiteri, 53 sena, iben Carmelo Delia u Rose Spiteri nee' Delia, imwieled Pieta', nhar l-10 ta' Frar, 1964 residenti fil-fond numru Binja K, Entratura A, Flat 7, Housing Estate, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 2074M;

Talli nhar it-3 ta' Settembru, 2017, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u nofs u t-tlieta ta' wara nofsinhar (1430 – 1500hrs), gewwa Triq il-Grigal, Marsaskala:

1) Ikkommetta serq ta' diversi ghoddot ghad-detriment ta' Jonathan Paul Micallef u Marthese Micallef, liema serq hu aggravat bil-lok u bil-valur;

2) Il-Qorti hija mitluba li titratta lil Charles Spiteri bhala recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit12 ta' Ottubru, 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, mahlufa quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2017, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet hemmhekk maghmula;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**